MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 758/1998/1

**Suzanne Frendo u Marie Claire Sacco**

**v.**

**M & B Limited u b'nota tas-17 ta' Marzu 2004 assumiet l-atti tal-kawza s-socjeta` Swatar Holdings Limited**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

Dan hu appell minn sentenza moghtija fit-3 ta' Mejju, 2007 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet imsemmija. Fl-imsemmija proceduri kien gie premess illi l-atturi huma proprjetarji ta' ghalqa fis-Swatar, limiti ta'

Birkirkara/Msida, mentri s-socjeta` konvenuta hi proprjetarja tal-ghalqa vicina, f'liema ghalqa l-istess socjeta` konvenuta qed taghmel zvilupp ta' bini; illi fil-kors tal-imsemmi zvilupp is-socjeta` konvenuta qed twaqqa' u tnehhi l-hajt tas-sejjiegh li jifred il-proprjeta` taghha minn dik tal-atturi, izda fil-process tal-kostruzzjoni tal-hajt divizorju gdid is-socjeta` konvenuta mhux qed tirrispetta l-linja ta' konfini bejn iz-zewg proprjetajiet u minflok qed tappropria ghaliha l-hxuna kollha tal-imsemmi hajt tas-sejjiegh; illi l-atturi kisbu l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, Mandat Nru. 915/98, kontra s-socjeta` konvenuta li permezz tieghu din giet inibita milli tkompli twaqqa' il-hajt tas-sejjiegh li jifred l-ghalqa proprjeta` taghha u dik proprjeta` tal-atturi, u wkoll milli tkompli tibni l-hajt divizorju l-gdid bejn iz-zewg proprjetajiet *in quanto* fil-kors tal-kostruzzjoni ta' tali hajt divizorju gdid is-socjeta` konvenuta m'hijex qed tirrispetta l-linja ta' konfini bejn il-proprjeta` taghha u dik tal-atturi; illi dak il-Mandat gie esegwit fil-konfront tas-socjeta` konvenuta; illi l-atturi ghandhom interess li l-Mandat imsemmi jigi konfermat b'sentenza ta' din il-Qorti; illi jekk is-socjeta` konvenuta kellha tissokta bix-xoghlijiet impunjati l-atturi sejrin ikomplu jsofru l-lamentat pregudizzju serju u konsegwenti dannu. Dan premess l-atturi talbu li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex:-

"1. Tikkonferma l-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi, Mandat Nru. 915/98 fl-ismijiet "**Suzanne Frendo u Marie Claire Sacco v. M & B Limited**".

"2. Tordna li s-socjeta` konvenuta tinzamm permanentement milli taghmel xoghol ta' twaqqiegh tal-hajt tas-sejjiegh li jifred il-proprjeta` tal-atturi minn dik tas-socjeta` konvenuta fis-Swatar, limiti ta' Birkirkara/Msida, u wkoll milli tkompli tibni l-hajt divizorju l-gdid bejn l-istess zewg proprjetajiet *in quanto* m'hijiex qed tigi rispettata l-linja ta' konfini relattivi.

"3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta, *occorrendo* taht id-direzzjoni ta' parti nominandi, sabiex fiz-zmien qasir u perentorju minnha prefiss, tnehhi u tirrimwovi x-xoghlijiet kollha esegwiti mill-istess socjeta` konvenuta fil-kors tal-kostruzzjoni tal-hajt divizorju l-gdid *in quanto* u kull

fejn ma gietx rispettata l-linja ta’ konfini bejn il-proprjeta` tal-atturi u dik tas-socjeta` konvenuta, b’mod li effettivament tigi rispettata l-imsemmija linja ta’ konfini, u dan a spejjez taghha.

“4. In mankanza ta’ esekuzzjoni volontarja *da parte* tas-socjeta` konvenuta fit-terminu lilha hekk prefiss, tawtorizza lill-atturi jesegwixxu huma nfushom ix-xoghlijiet ta’ rimozzjoni necessarji ghall-istess skop premess, dejjem taht id-direzzjoni ta’ periti nominandi u a spejjez tas-socjeta` konvenuta.

“Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Nru. 915/98, u b’riserva ta’ kull azzjoni ohra ghad-danni spettanti lill-atturi kontra s-socjeta` konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.”

B’nota pprezentata fl-14 ta’ Settembru 1998 is-socjeta` B & M Limited eccepit:-

“1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta` konvenuta dejjem irrispettat il-linja ta’ konfini bejn il-proprjeta` taghha u dik tal-atturi, u mhux il-kaz illi l-istess socjeta` konvenuta appropprijat ghaliha l-hxuna kollha tal-hajt tas-sejjiegh illi jissepara z-zewg proprjetajiet.

“2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xoghlijet ta’ demolizzjoni u rikostruzzjoni maghmula mis-socjeta` konvenuta fuq nofs il-hajt divizorju gew approvati mill-atturi u l-periti taghhom wara illi dawn ix-xoghlijiet gew kompletati. Kienet saret laqgha bejn l-atturi u socjeta` konvenuta fir-rigward tal-porzjoni rimanenti tal-istess hajt bl-iskop illi jintlahaq ftehim izda l-atturi bidlu l-fehma taghhom u bdew il-proceduri gudizzjarji odjerni.

“3. Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, iz-zewg proprjetajiet divizi permezz tal-hajt tas-sejjiegh jinstabu f’invelli differenti u l-proprjeta` tas-socjeta` konvenuta tinsab f’livell oghla minn dik tal-atturi. Il-hajt tas-sejjiegh mil-livell tal-proprjeta` tal-attur sal-livell tal-proprjeta` tas-socjeta` konvenuta giet rikostruwita b’mod illi tikkorrispondi ezattament mal-hajt originali fil-hxuna

salv ghal spazju tal-wisgha ta' disa' pulzieri (9") fuq in-naha tal-hajt li jmiss mal-proprjeta` tal-atturi. Dan l-ispazju gie riservat sabiex il-parti t'isfel tal-istess hajt jigi mlibbes b'gebel antik, u b'hekk jinghata d-dehra ta' hajt tas-sejjiegh. B'danakollu l-bicca tal-hajt li taqbez l-gholi ta' mertu u nofs (1.5m) mill-invell tal-proprjeta` tal-atturi hija proprjeta` esklussiva tas-socjeta` konvenuta u konsegwentement, ma saret l-ebda approprjazzjoni da parti tal-istess socjeta` ghad-detriment tal-atturi.
"4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 915/98 u dawk tar-rikors gja` pprezentat mis-socjeta` konvenuta fl-atti ta' din il-kawza, u bir-rizerva ta' kull azzjoni ohra ghad-danni spettanti s-socjeta` konvenuta kontra l-atturi ingunti ghas-subizzjoni."

Il-Qorti ta' Prim Istanza tat is-segwenti decizjoni:

**<u>"III. KONKLUZJONI.</u>**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

"1. Tikkonferma l-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi, Mandat Nru. 915/98 fl-ismijiet "**Suzanne Frendo u Marie Claire Sacco v. M & B Limited**" u dan fis-sens li s-socjeta` konvenuta qed tigi nibita milli tkompli twaqqa' l-hajt tas-sejjiegh li jifred l-ghalqa proprjeta` taghha u dik proprjeta` tal-atturi, u wkoll milli tkompli tibni l-hajt divizorju l-gdid bejn iz-zewg proprjetajiet jekk fil-kors tal-kostruzzjoni tal-istess hajt divizorju l-gdid is-socjeta` konvenuta ma tirrispettax il-linji ta' konfini bejn il-proprjeta` taghha u dik tal-atturi, kif stabbilita mir-relazzjoni peritali ta' Frederick Doublet inkluz paragrafu 32 u 35 (i) tar-relazzjoni peritali u d-dokumenti relattivi.

"2. Tordna li s-socjeta` konvenuta tinzamm permanentament milli taghmel xoghol ta' twaqqiegh tal-

hajt tas-sejjiegh li jifred il-proprjeta` tal-atturi minn dik tas-socjeta` konvenuta fis-Swatar, limiti ta’ Birkirkara/Msida, u wkoll milli tkompli tibni l-hajt divizorju l-gdid bejn l-istess zewg proprjetajiet *in quanto* m’hijiex qed tigi rispettata l-linja ta’ konfini relattivi kif stabbilita mir-relazzjoni peritali ta’ Frederick Doublet skond paragrafu 32 u 35 (i) tar-relazzjoni peritali u d-dokumenti relattivi

“3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta, taht id-direzzjoni tal-Perit Tekniku Frederick Doublet hawn nominat a spejjez tas-socjeta` konvenuta, sabiex fiz-zmien qasir u perentorju ta’ mija u ghoxrin (120) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza, tnehhi u tirrimwovi x-xoghlijiet kollha esegwiti mill-istess socjeta` konvenuta fil-kors tal-kostruzzjoni tal-hajt divizorju l-gdid *in quanto* u kull fejn ma gietx rispettata l-linja ta’ konfini bejn il-proprjeta` tal-atturi u dik tas-socjeta` konvenuta nkluz dawk indikati f’paragrafu 34 u 35 (iii) tar-relazzjoni peritali u d-dokumenti relattivi, b’mod li effettivament tigi rispettata l-imsemmija linja ta’ konfini bejn l-istess proprjetajiet u dan kif stabbilita mir-relazzjoni peritali ta’ Frederick Doublet u senjatament kif din indikata fl-istess rapport u fil-paragrafu 32 u 35 (i) tar-relazzjoni peritali u dokumenti relattivi, u dan kollox a spejjez tal-istess socjeta` konvenuta.

“4. *In mankanza* ta’ esekuzzjoni volontarja *da parte* tas-socjeta` konvenuta fit-terminu lilha hekk prefiss, tawtorizza lill-atturi jesegwixxu huma nfushom ix-xoghlijiet ta’ rimozzjoni necessarji ghall-istess skop premess, dejjem taht id-direzzjoni tal-Perit Frederick Doublet hawn nominat a spejjez tas-socjeta` konvenuta, tali xoghlijiet ukoll a spejjez tas-socjeta` konvenuta.

“Bl-ispejjez, inkluzi tar-relazzjoni peritali u tal-Perit Tekniku Frederick Doublet hawn nominat u komprizi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Nru.915/98 kontra s-socjeta` konvenuta.”

U dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

“Illi din hija kawza maghmula mill-atturi proprjetarji ta’ ghalqa fis-Swatar, limiti ta’ Birkirkara/Msida, kontra s-socjeta` konvenuta li hi proprjetarja tal-ghalqa vicina, f’liema ghalqa l-istess socjeta` konvenuta kienet qed taghmel zvilupp ta’ bini, u s-socjeta` attrici qed tallega li fil-kors tal-imsemmi zvilupp is-socjeta` konvenuta kienet qed twaqqa’ u tnehhi l-hajt tas-sejjiegh li jifred il-proprjeta` taghha minn dik tal-atturi, izda fil-process tal-kostruzzjoni tal-hajt divizorju gdid is-socjeta` konvenuta kienet qed tapproprja ghaliha l-hxuna kollha tal-imsemmi hajt tas-sejjiegh u b’dan li s-socjeta` konvenuta ma kienitx qed tirrispetta l-linja ta’ konfini bejn il-proprjeta` taghha u dik tal-atturi bil-konsegwenza li qed jinghad u qed jigi allegat li l-istess socjeta` konvenuta dahlet fl-art tal-atturi.

“Illi b’rapport peritali datat 17 ta’ Marzu 2003 u mahluf fis-16 ta’ Mejju 2003 li jinsab esebit minn fol. 55 sa fol. 147 tal-process, il-Perit Tekniku Frederick Doublet ikkonkluda f’paragrafu 35 illi:-

“1. Is-socjeta` konvenuta nvadiet l-art tal-atturi, u dan fl-ammont ta’ 10.855 metri kwadri, kif imsemmi f’paragrafu [32.5] ta’ din ir-relazzjoni.

“2. Bhala kumpens is-socjeta` konvenuta ghandha: (a) taghti l-art fil-parti trijangolari sal-hajt li kkostruwiet is-socjeta` konvenuta, lill-attur, skond paragrafu [33.0] ta’ din ir-relazzjoni. (b) tibni sezzjoni tal-hajt divizorju fil-pozizzjoni minn Point 1 sa Point 4 f’Dol. RD2 skond paragrafi [33.5 u 33.6] ta’ din ir-relazzjoni.

“3. Tirrimovi l-projezzjonijiet fil-hajt lejn l-atturi skond paragrafu [34.1] ta’ din ir-relazzjoni.

“Illi wara li saret l-eskussjoni tieghu fuq talba tas-socjeta` konvenuta l-istess perit tekniku biddel il-konkluzjonijiet tieghu fis-sens li sostna li:-

“1. Is-socjeta` konvenuta nvadiet l-art tal-atturi, u dan fl-ammont ta’ 10.855 metri kwadri, kif imsemmi f’paragrafu [32.5] ta’ din ir-relazzjoni.

“2. Bhala kumpens is-socjeta` konvenuta ghandha taghti mill-art il-parti trijangolari kif indikata f’FD13 lill-atturi skond id-disinn F13 ma’ din ir-relazzjoni.

“3. Tirrimovi l-projezzjonijiet fil-hajt lejn l-atturi skond paragrafu [34.1] ta’ din ir-relazzjoni.

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet akkwistat l-art f’Marzu 2005 u kienet ghamlet *survey* tal-istess art li pero` baqa’ ma giex esebit u jidher li s-socjeta` konvenuta bdiet ix-xoghol taghha fuq il-hajt divizorju f’Marzu 1997 minghajr l-atturi ma kienu nvoluti; dawn saru jafu bl-istess biss fi zmien iktar tard meta gew informati mill-bidwi li kien jahdem l-istess art peress li dan sostna u allega li s-socjeta` konvenuta kienet dahlet bil-hajt gdid li kienet qed taghmel fuq l-art tal-atturi; l-atturi nkarigaw lill-Perit Demicoli li sab li kienet gja` giet maqlugha parti mill-hajt tas-sejjiegh u nbeda hajt tal-kantun fil-parti X - Z fuq Dok. “RD1” mentri l-parti X – Y kienet ghadha tezisti; jidher li f’dak il-mument l-atturi kienu lesti li jikkoncedu li l-parti li nbiet tal-hajt tibqa’ fejn hija kemm-il darba l-hajt li kien baqa’ jinbena wara li jkun sar *survey* u sussegwentement dan kellu jinbena mis-socjeta` konvenuta taht id-direzzjoni tal-perit taghha u skond il-ftehim li sussegwentement isir bejn l-istess Perit Mangion ghas-socjeta` konvenuta u l-Perit Ray Demicoli ghall-atturi; ghal dan l-iskop saru diversi laqghat fuq il-post sabiex il-partijiet jaslu fi ftehim ta’ kif kellu jkompli jinbena l-istess hajt, ghalkemm finalment l-atturi u l-perit taghhom jghidu li fil-fatt dan ma sehhx ghaliex skond l-istess atturi finalment ix-xoghol tkompla mis-socjeta` konvenuta *ad insaputa* tal-atturi u mhux kif indikat mill-perit taghhom u bla ma sar ebda *survey*, bil-konsewgenza li l-istess kellhom jirrikorru ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 915/98 li gie degretat u milqugh fl-1 ta’ April 1998 u wara l-istess saret din il-kawza.

“Illi min-naha taghha s-socjeta` konvenuta sostniet li l-partijiet kienu waslu ghall-ftehim li l-hajt li kien diga` nbena kellu jibqa’ kif kien u li dwar kif kellu jsir il-kumplament tal-hajt kienu saru l-marki, b’dan li s-socjeta` konvenuta tghid li l-hajt kompla jinbena skond l-istess marki.

“Illi f’dan is-sens ix-xhieda prodotta mill-partijiet hija ghalhekk kontrastanti u f’dan il-kuntest huwa oneru tas-socjeta` konvenuta li tipprova dak li hija qed tallega cioe` l-ezistenza tal-ftehim allegat minnha, haga li din il-Qorti thoss li ma saritx anke *in vista* ta’ din ix-xhieda kontradittorja u in effetti wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda kollha prodotta, thoss li ma tistax tasal biex tghid li hemm prova ta’ tali ftehim.
“Illi anzi din il-Qorti thoss li mill-provi jirrizulta li ghalkemm kien hemm tentattiv sabiex il-partjiet jaslu ghall-transazzjoni, dan il-ftehim li kien jevita proceduri gudizzjarji bejniethom baqa’ ma sehhx, b’dan ghalhekk li mill-provi prodotti jirrizulta li ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet dwar kif u fejn kellu jsir dan il-hajt. Dan il-ftehim fil-fatt ma sehhx ghaliex dak propost mill-atturi, anke *tramite* l-perit taghhom baqa’ ma sarx. Dan qed jinghad ghaliex jirrizulta li fl-ewwel lok il-Perit Demicoli kien issugerixxa li qabel ma jitkompla jsir xoghol fuq l-istess hajt, kellu jsir *survey* sabiex meta jinbidel il-hajt tas-sejjiegh b’dan li l-hajt tal-kantun ikun jista’ jsir fuq il-linja medjana – izda dan is-*survey* baqa’ qatt ma sar; fit-tieni lok jidher u jirrizulta li minkejja dan in-nuqqas xorta wahda sar xoghol fuq l-istess hajt tas-sejjiegh, b’mod li dan kompla jinqala’ mis-socjeta` konvenuta u minfloku kompla jsir il-hajt gdid tal-kantun, u dan minghajr ma l-atturi u l-istess Perit Demicoli ma kienu nformati dwar l-istess u b’hekk dak li kien mahsub li jsir bil-konkorrenza taz-zewg partijiet, *in verita*` kompla jsir unilateralment mis-socjeta` konvenuta, minghajr ovvjament il-partecipazzjoni tal-atturi jew il-perit taghhom.

“Illi fil-fatt kien biss meta l-atturi u l-Perit Demicoli kienu nformati li x-xoghol tkompla li l-istess Perit Demicoli mar fuq il-post sabiex jivverifika l-istess u sab li l-istess hajt ma kienx inbena lanqas skond il-kostatazzjonijiet li huwa kien ghamel minkejja li huwa kien qed jistenna li jsir l-istess *survey*; fil-fatt dwar dan il-punt tal-allegat ftehim ix-xhieda tas-socjeta` konvenuta hija b’hekk kontradetta mix-xhieda tal-atturi u l-perit taghhom, u din il-Qorti thoss li fil-fatt il-provi juru li fil-verita` l-ebda ftehim bejn il-partijiet ma ntlahaq dwar il-mod kif kellu jsir il-hajt divizorju, tant li l-

istess atturi kellhom jirrikorru ghall-azzjoni gudizzjarja, mhux l-inqas bl-ispedizzjoni ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni; dan apparti li jidher ippruvat li dik il-parti tal-hajt li kienet ghadha qed tinbena jew trid issir (wara li l-atturi ndunaw bix-xoghol li kien diga` sar fuq l-istess hajt u li gie mbaghad spezzjonat mill-Perit Ray Demicoli) ma saritx kif intiz bi ftehim bejn il-partijiet, tant li tkomplija tal-istess kienet suggetta li jsir *survey*, haga li qatt ma saret, u wara l-istess *survey* kellu jkun hemm il-partecipazzjoni tal-periti tal-partijiet sabiex jaqblu fuq il-linja divizzorja, haga li wkoll qatt ma saret.

“Illi fil-konfront ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li b’hekk bl-ebda mod ma jista’ jinghad li skond il-provi prodotti l-partijiet waslu ghal ftehim allegat mis-socjeta` konvenuta; f’dan is-sens din il-Qorti thoss li jista’ jinghad li l-istess socjeta` konvenuta ma ssodisfatx l-oneru ta’ prova li kien impost fuqha, (la darba l-allegazzjoni tal-istess ftehim saret minnha) u b’hekk din l-allegazzjoni u pretensjoni taghha qed tigi michuda.

“Illi anzi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li ghalkemm kien hemm tentattivi sabiex jintlahaq ftehim, dan finalment il-partijiet ma waslux ghalih, anke peress li s-socjeta` konvenuta kompliet bix-xoghol fuq l-istess hajt unilateralment u bla ma avzat lill-atturi – atti li fil-fatt wasslu ghall-ispedizzjoni ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni u finalment ghal din il-kawza.
“Illi dwar il-konstatazzjonijiet dwar l-invazzjoni *da parte* tas-socjeta` konvenuta dawn jidhru spjegati fid-dettal fir-relazzjoni peritali u in partikolari fil-paragrafu 32 tal-istess, li fejn jirrigwarda l-istess konstatazzjonijiet din il-Qorti qed taddotta u taghmel taghha b’dan li l-istess ghandhom jitqiesu bhala parti ntegrali minn din id-decizjoni.

“Illi ghal dik li hija l-parti teknika tal-istess rapport hija relevanti dak li nghad fis-sentenza **“Richard Falzon v. Construct Furniture Limited”** (P.A. (RCP) – 7 ta’ Dicembru 2006) u s-sentenzi hemm citati fis-sens li l-konstatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali

jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kienetx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova." ("**John Saliba –v.- Joseph Farrugia**", Appell, 28 ta' Jannar 2000; "**Joseph Calleja nomine –v.- John Mifsud**", Appell, 19 ta' Novembru 2001").

"Illi fil-fatt dan huwa konferma tal-principji dejjem applikati minn din il-Qorti fil-kawzi fl-ismijiet **"Dr. Toni Abela nominee v. Stephen Xuereb et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Novembru 2006 ) **"Alfred Mizzi et v. M.R.C.D. Limited"** (PA. (RCP) – 30 ta' April 2002) **"Spiteri Tiles Limited v. Raymond Borg"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) u **"Jox Limited v. Stephen Pace et"** (P.A. (RCP) – 10 ta' Ottubru 2006) fejn inghad li *"ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-* ***Artikolu 681 tal-Kap. 12,*** *jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzzjoni peritali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti "ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima v. Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi v. Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba v. Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone v. Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

"Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li ntqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et* v. Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – Ll.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *'b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha*

*moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".*

"Illi din il-Qorti thoss li l-konstatazzjonijiet ta' natura teknika mertu ta' din il-kawza gew tajjeb indikati mill-istess perit tekniku u din il-Qorti thoss li ma hemm xejn fl-istess hija tista' jew ghandha tinjora, anke peress li jidher li l-istess rizultanzi huma ben spjegati fl-istess rapport peritali; dan apparti li l-istess konstatazzjonijiet huma sapportjati mid-dokumenti redatti mill-perit tekniku fit-thejjija tal-istess rapport u fuq konstatazzjonijiet li huwa ghamel fuq il-post, apparti x-xhieda ta' Saver Debono u dik tal-Perit Ray Demicoli. Din il-Qorti thoss li ma hemm xejn fil-kritika maghmula mis-socjeta` konvenuta li twaqqa' l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, lanqas dak riferibbli ghar-ritratti esebiti mis-socjeta` konvenuta, ghaliex tali ritratti huma suggetti wkoll ghall-interpretazzjoni. *Invece* l-kalkoli li saru mill-perit tekniku huma dawk ibbazati mhux biss fuq ix-xhieda moghtija u dokumenti esebiti, izda fuq kollox minn ezami u evalwazzjoni tal-istess u wkoll fuq konsiderazzjoniet li l-istess perit tekniku ghamel fuq il-post stess, kif l-istess rapport jindika u juri bl-iktar mod car fir-relazzjoni tieghu u fir-risposti li ta in eskussjoni. Jigi rilevat ukoll li minkejja dak allegat mis-socjeta` konvenuta fuq l-istess rapport, l-istess socjeta` konvenuta ma talbitx il-hatra ta' periti perizjuri, specjalment fejn l-aggravju taghha kien dirett lejn il-parti teknika tar-rapport, u fid-dawl tal-istess din il-Qorti taddota l-konkluzjoni tal-perit tekniku in kwantu tirreferi ghal dak indikat minnu fil-paragrafu 35 (i) tar-relazzjoni peritali.

"Illi l-istess jista' jinghad ghall-konkluzjoni raggunta f'paragrafu 34 u 35 (iii) tar-relazzjoni peritali u dan fis-sens li n-numru ta' dekorazzjonijiet fil-filata ta' taht il-filata ta' fuq il-hajt li tellghu l-konvenuti (mhux "atturi"), *stante* li darba l-istess hajt huwa wiehed divizorju, mibni anqas minn metru u nofs lejn l-atturi (mhux "il-konvenuti) mil-linja divizorja, dawn mhux biss ma setghux isiru, izda jinvadu l-proprjeta` tal-atturi wkoll, u b'hekk huma nkluzi fit-talbiet attrici.

"Illi din il-Qorti ma taqbilx pero` mal-konkluzjoni tal-perit tekniku kontenuta f'paragragu 35 (i) tar-relazzjoni tieghu, u dan peress li tali kuncett ta' kompensazzjoni *da parte* tas-socjeta` konvenuta la huwa sorrett mil-ligi u lanqas mill-gurisprudenza.

"Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fis-sens biss hawn deciz."

**Appell tas-socjeta` Swatar Holdings Limited.**

Is-socjeta` Swatar Holdings Limited hassitha aggravata bis-sentenza fuq riportata u b'hekk, b'rikors intavolat fit-23 ta' Mejju, 2007 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza u minflokk tilqa' l-eccezzjonijiet kollha mressqa mis-socjeta` appellanti, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ewwel istanza, kontra l-appellanti [*recte:*appellati] minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

L-atturi pprezentaw risposta ghar-rikors tas-socjeta` appellanti fejn, filwaqt li stqarru li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma, talbu li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud u b'hekk is-sentenza appellata tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**L-aggravji tas-socjeta` appellanti.**

Is-socjeta` appellanti ressqet bazikament hames aggravji kontra s-sentenza appellata imqassma fuq sitt paragrafi. Dawn fil-qosor jikkoncernaw:-

a) Il-fatt li l-ewwel Qorti allegatament skartat il-provi li ngiebu quddiemha li ghalihom ghamel referenza l-Perit Tekniku. Skond l-istess appellanti hija rnexxielha tipprova dak li hi allegat u cioe` l-ezistenza ta' ftehim milhuq bejn il-kontendenti.

b) Il-fatt li l-ewwel Qorti accettat u ghamlet taghha l-konkluzzjonijiet raggunti mill-perit tekniku anke wara li l-istess Qorti kellha l-opportunita` li tisma' mill-istess perit

tekniku "li gew skartati kompletament l-unici provi mperici[1] li gew prodotti, u cioe` r-ritratti mehuda minn rapprezentant tas-socjeta` appellanti."

c) Il-fatt li l-ewwel Qorti, dejjem skond l-appellanti, naqset milli tezamina u tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni taghha, u cioe` dik illi z-zewg proprjetajiet divizi permezz tal-hajt tas-sejjiegh jinstabu f'livelli differenti u l-proprjeta` tas-socjeta` konvenuta tinsab f'livell oghla minn dik tal-atturi.

d) In-nuqqas tas-socjeta` konvenuta li titlob in-nomina ta' periti perizjuri, fis-sens li hi saret taf li l-perit tekniku kien ipprezenta r-rapport tieghu biss wara li kien skada l-perjodu moghti lilha skond il-ligi sabiex taghmel din it-talba.

e) Il-fatt li l-ewwel Qorti injorat l-kritika teknika maghmula mis-socjeta` appellanti ghar-rapport tekniku.

**Ikkunsdrat:**

Il-kontendenti huma proprjetarji ta' zewg bicciet art fil-kuntrada tas-Swatar limiti ta' Birkirkara/Msida. Dik tal-atturi kienet u ghada tikkonsisti f'ghalqa mahduma minn Saver Debono, mentri dik tas-socjeta` konvenuta giet zviluppata billi nbniet skola. Iz-zewg proprjetajiet kienu separati permezz ta' hitan tas-sejjiegh. Il-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti tikkoncerna il-linja divizorja ta' bejn iz-zewg proprjetajiet billi l-atturi jikkontendu li meta s-socjeta` konvenuta bdiet twaqqa l-hajt tas-sejjiegh u terga' tirrikostruwixxi l-hajt limitrofu bil-kantun, ma zammitx fuq il-linja medjana b'dan li sehhet invazjoni fuq il-proprjeta` taghhom.

Is-socjeta` konvenuta bdiet ix-xoghol ta' twaqqieh ta' parti mill-hajt tas-sejjiegh fis-6 ta' Marzu, 1997 u fil-kostruzzjoni tal-hajt il-gdid bil-kantun thallew 9" fuq in-naha tal-atturi biex f'kaz li l-Awtorita` tal-Ippjanar tkun tirrikjedi li ssir qoxra tas-sejjiegh dan ikun jista` jsir. L-atturi gew infurmati

[1] Empirici

mill-bidwi Saver Debono li s-socjeta` konvenuta kienet bdiet ix-xoghlijiet u li l-hajt il-gdid ma kienx qed jinbena fuq il-linja medjana. L-atturi ghalhekk ikkonsultaw l-Perit Ray Demicoli li acceda fuq l-art flimkien mal-atturi, il-Periti Mangion u Cristina, il-*foreman* tal-Perit Mangion u l-bidwi Debono, u wara diskussjonijiet jidher li ntlahaq ftehim dwar il-hajt li kien ittella' u dwar x'kellu jsir qabel ma jsiru xogholijiet fuq ir-rimanenti hitan tas-sejjiegh. Dwar dan il-ftehim l-attrici Marie Claire Sacco xehdet hekk fis-seduta quddiem l-espert tekniku tal-11 ta' Jannar, 2001:

"Jiena rajt li din il-parti, vicin it-triq, il-hajt tas-sejjiegh kien twaqqa', il-hajt il-gdid in-naha tat-triq kien inbena sa numru ta' filati, u aktar il-gewwa kien hemm konkos mal-art u xi gebla jew tnejn bhal marka ta' fejn kien gej il-hajt. Nahseb li bejn kwart sa terz mill-hajt tas-sejjiegh kien tnehha.

"Meta gie il-Perit Demicoli konna jien u ohti, il-Perit Magion u l-Perit Cristina u l-*foreman* tal-Perit Mangion.

"Iltqajna darbtejn zgur, jekk mhux tlett darbiet. Minkejja li konna rrabjati li nqalgha l-hajt minghajr ma konna avzati, qbilna verbalment li biex ma nikkomplikawx, il-hajt il-gdid li kien lahaq inbena jibqa' fejn kien izda qabel ma jkomplu jibnu l-hajt, kellna niltaqghu mal-Perit Demicoli u l-Perit Mangion sabiex jistabilixxu fejn hi l-linja medjana tal-hajt li baqa' u ghalhekk fejn kellu jinbena l-hajt il-gdid. Bqajna li l-Perit Mangion kellu jikkuntattja lill-Perit Demicoli biex jghidlu d-data meta niltaqghu. Dan kollu sar fl-ewwel inkontru fuq il-post."

Il-Perit Ray Demicoli, li kif gja` nghad fuq, kien gie inkarigat mill-atturi biex jassistihom fil-kwistjoni, fis-seduta tas-26 ta' April, 1999 xehed li hu mar diversi drabi fuq il-post u meta mar l-ewwel darba kien ghadu jezisti partijiet mill-hajt tas-sejjiegh. Hu seta' jistabilixxi fejn kien qabel il-parti tal-hajt li tnehha peress li f'parti minnu kien hemm tarag fil-blat u minhabba l-*weathering* ta' taht il-hajt. Hu stabilixxi '*bi precizjoni*' l-wisghat tal-parti tal-hajt tas-sejjiegh li kien ghadu jezisti. Fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 1999 id-difensur tal-atturi pprezenta affidavit

tal-Perit Demicoli fejn, fost affarijiet ohra xehed li, waqt access mal-klienti tieghu, kien ikkonstata li parti mill-hajt kien twaqqa' u hajt gdid beda jinbena. F'din il-parti l-gdida huwa seta' jara li fi tlett postijiet il-hajt il-gdid ittella mhux fuq il-linja medjana, u kompla "*izda ghall-tlett tulijiet ta' xi 6 metri, il-hajt ittella fil-proprjeta` tal-atturi, u mill-ispezzjoni fuq il-post irrizulta average ta' 30 centimetri.*" (fol. 30). Kien ghalhekk issuggerixxa li l-hajt li kien ghadu ma ntmissx jittella' skond il-pjanta tieghu b'kumpens ta' 15 centimetri matul il-hajt. In kontro-ezami l-Perit Demicoli, fuq domanda tad-difensur tas-socjeta` konvenuta jekk kienx intlahaq ftehim dwar kif kellu jinbena l-hajt u fuq il-bicca tal-hajt li kienet inbniet, xehed li jiftakar li kien hemm ftehim kif jitla' l-hajt biss sostna li qabel jinqala' l-hajt tas-sejjiegh kellhom ikejlu biex tigi stabbilita` l-linja medjana. Effettivament f'seduta sussegwenti xehed li kien sar *survey*. Infatti l-attrici Marie Claire Sacco, fis-seduta tal-5 ta' April, 2001, xehdet li kien sar *survey* minn Andrew Delia inkarigat mill-Perit Ray Demicoli.

Fis-seduta tas-7 ta' Mejju, 2001 il-Perit Stephen Mangion, direttur tas-socjeta` konvenuta, xhed hekk dwar l-ftehim li kien intlahaq ma' l-atturi: (fol. 91 *et sequitur*)

"Mir-*records* jidher li x-xoghol fuq il-hajt divizorju nbeda madwar is-6 ta' Marzu, 1997.

"Fil-*meeting* tal-20 ta' Marzu 1997 hemm innotat illi x-xoghol tal *boundary wall* gie mizmum temporanjament sakemm issir spezzjoni tal-hajt mill-Perit Demicoli tal-atturi. Fil-*meeting* tat-3 ta' April 1997, huwa innotat il-laqgha mal-atturi u l-Perit taghhom sar fis-27 ta' Marzu 1997, li kien intlahaq ftehim fuq l-allinjament tal-hajt. Kien prezenti l-Perit Demicoli, iz-zewg atturi, il-Perit Cristina, jien u probabbilment il-kuntrattur.

*Omissis*

"Il-ftehim kien fis-sens li fejn kien diga` gie mtella' l-hajt gie accettat mill-atturi kif kien, u dwar fejn kien ippjantat, gie mmarkat fejn kellu jitla' l-hajt u dan b'referenza ghall-posizzjoni tieghu. Dan il-ftehim ma sarx bil-miktub. Naf li

gie rizervat li ssir qoxra tas-sejjiegh in-naha tal-atturi li kellna naghmluha ahna u hallejna circa 9" spazzju ghaliha."

F'seduta sussegwenti l-Perit Mangion ighid li kien gie miftiehem mal-Perit Demicoli li ssir *survey* tal-kumplament tal-hajt qabel ma jitnehhew sezzjonijiet minnu. Biss ighid li dan qatt ma sar "*ghaliex l-ebda parti mill-kumplament tal-hajt ma tnehhiet*." Kompla jispjega li f'partijiet fejn il-hajt tas-sejjiegh kien imwaqqa "gew imsewwija bis-sejjiegh jew kantun, u gie mgholli l-hajt ghall-gholi rikjest. Dwar dan ix-xhud ghamel referenza ghall-notament konsistenti f'minuta tal-*meeting* numru 28 tad-29 ta' Mejju 1997 fejn hu mnizzel li "*Il-kuntrattur inghata struzzjonijiet biex ma jkomplix iwaqqa' l-hajt tas-sejjiegh imma semplicement isewwi 'ir-rubble construction' fejn kien imwaqqa'.* U kompla "*Fil-fatt ix-xoghol ma sarx kollu f'sezzjoni D-E minhabba l-Mandat ta' Inibizzjoni."*

Ix-xhud ikompli jghid li fit-2 ta' Frar 1998 sar *joint survey* mal-ufficju tal-Perit Demicoli fuq parti ohra tal-hajt tas-sejjiegh li kien fi stat hazin billi dehrilhom li kellu jitwaqqa u jerga' jinbena, biss ma sar xejn u l-hajt ghadu kif kien.

Xhed ukoll Manwel Zahra, Project Manager ma' Carin Construction li kienet hadet l-appalt ghall-kostruzzjoni tal-iskola tas-socjeta` konvenuta. Dan qal hekk:

*"Jiena kont prezenti darba minnhom f'laqgha bejn il-Perit Ray Demicoli tal-atturi u l-Periti Victor Cristina u Stephen Mangion tal-iskola. Qed nigi muri* ***Dok. RD1*** *u waqt din il-laqgha ddiskutejna l-'boundary' tal-hajt fejn qieghed.*

*"Fejn kien ezistenti l-hajt ghamlu l-imsiemer fil-blat biz-zebgha madwarhom, u fejn kien imwaqqa' ma ghamilniex marki.*

*"Nghid li l-hajt li twaqqa' kien diga bdiet il-kostruzzjoni fuq il-gdid u dan kien qed isir fuq xifer il-blat."*

Filwaqt li saret referenza ghall-pjanta li tinsab fit-tieni faccata tad-Dok VC010704A li turi l-estensjoni tal-konfini

bejn iz-zewg proprjetajiet tal-kontendenti, dan ix-xhud kompla jispjega li l-imsiemer imsemmija li kienu saru taht l-istruzzjonijiet tal-Periti tal-Iskola u l-Perit Demicoli, saru f'dik il-parti tal-hajt tas-sejjiegh indikata FD1 u FD2. F'din il-parti l-hajt rega' inbena mill-gdid u zammew 9" il-gewwa peress li kellha titla' qoxra tas-sejjiegh. Mil-punt FD2 sal-punt FD nehhew l-parti ta' fuq tal-hajt tas-sejjiegh u, wara li taw il-konkrit fuqu, komplew biex ghollew il-hajt bil-kantun. F'din il-parti ghalhekk ma kienx hemm bzonn marki ghax uzaw l-istess hajt tas-sejjiegh bhala pedament. Bejn il-punt FD2 sal-punt V (ossia VC) inbena hajt fuq in-naha tal-iskola minghajr ma ntmess il-hajt tas-sejjiegh. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-parti tal-hajt bejn l-isqaq u l-punt FD1 kien inqala' u rega' ttella fuq istruzzjonijiet tal-periti tal-iskola.

Minn dan kollu jidher li l-kwistjoni tal-hajt limitrofu bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti tista' tinqasam f'diversi bicciet, dejjem kif muri fil-pjanta li tinsab annessa mad-Dok. VC01010704A.

a) Il-parti mill-isqaq sal-punt FD1. Din, kif qal ix-xhud Zahra u kif irrizulta mid-diversi xhieda, kienet l-ispunt ghal dawn il-proceduri billi l-atturi jghidu li din il-parti nhattet u nbniet mhux skond il-linja medjana. Dwar din il-parti tal-hajt il-konvenuti jsostnu li kien sar qbil bejn il-kontendenti fis-sens li dak li sar jibqa' hemm. L-ewwel Qorti ma tatx kredibilita` ghal din il-verzjoni tas-socjeta` konvenuta billi dehrilha li l-fatt li ma sarx *survey* fuq ir-rimanenti parti tal-hajt u l-fatt li gew istitwiti dawn il-proceduri huwa indikativ li ma kienx intlahaq ftehim. Biss din il-Qorti, tenut kont ta' dak li qalet l-attrici Sacco, dak li qal il-Perit Mangion u l-istess Perit Demicoli, hija tal-fehma li effettivament kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet <u>sahansitra qabel</u> ma gie intavolat l-Mandat ta' Inibizzjoni u dan kien fis-sens kif qalet l-istess attrici Sacco:

"<u>qbilna verbalment li biex ma nikkomplikawx, il-hajt il-gdid li kien lahaq inbena jibqa' fejn kien</u>"
Inoltre jigi osservat li l-kwistjoni tas-*survey* hija totalment indipendenti mill-kwistjoni tal-hajt li gja` kien ittella' billi dan kellu jsir fuq ir-rimanenti parti tal-hajt. Dan is-*survey*,

kif ighid l-Perit Mangion, qatt ma sar minhabba l-Mandat ta' Inibizzjoni. Ghalhekk dwar din il-parti tal-hajt it-talba attrici ma tistax tintlaqa'.

b) Fil-parti tal-hajt bejn il-punt FD1 sa FD2 jirrizulta li l-periti tal-kontendenti kienu waslu fi ftehim kif kellu jinbena l-hajt, tant hu hekk li ghamlu l-posti indikattivi tal-linja medjana bejn iz-zewg proprjetajiet billi poggew imsiemer fuq l-istess hajt tas-sejjiegh li kienu jindikaw il-linja medjana. Irrizulta, pero`, li s-socjeta` konvenuta, skond ma xhed Manwel Zahra, wara li waqqghet il-hajt tas-sejjiegh, regghet ghamlet pedament tad-dobblu u kompliet bil-hajt tal-kantun singlu tad-9". Dan il-hajt gie rtirat 9" min-naha tal-atturi. Issa tenut kont li l-hajt tas-sejjiegh kien wisa' zewg piedi u nofs, kif jidher li hemm qbil, il-kantun singlu li gie inalzat fuq il-pedament dobblu kellu jkun irtirat ghaxar pulzieri u nofs u mhux disa' pulzieri kif fil-fatt sar biex b'hekk il-kantun ikun qieghed nofs naha u nofs ohra tal-linja medjana. Hawn pero` tidhol il-kwistjoni ta' min hija l-proprjeta` ta' dan il-hajt. Qed jigi sottomess mis-socjeta` konvenuta li l-Artikolu 408(c) tal-Kap. 16 jiddisponi li l-hajt li jaqsam ghelieqi ghandu jkun gholi metru u nofs. Inoltre l-Artikolu 410(2) jghid li jekk il-hajt jaqsam btiehi, gonna jew ghelieqi, li qeghdin wahda f'livell aktar gholi minn dak tal-ohra, il-bicca tal-hajt li, meta jittiehed b'qies il-fond aktar baxx, taqbez il-gholi rispettivament imsemmi fl-Artikolu 408 titqies li hija tas-sid il-fond aktar gholi. Is-socjeta` konvenuta rrilevat dan il-punt fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha u sostniet li ma saret ebda approprjazzjoni da parti taghha ghad-detriment tal-atturi billi dak li jinsab ghola minn metru u nofs mil-livell tal-proprjeta` tal-atturi huwa taghha. Din il-Qorti pero` taqbel mas-sottomissjoni tal-espert tekniku l-AIC Frederick Doublet fis-sens li gialadarba is-socjeta` konvenuta bniet skola fil-proprjeta` taghha l-gholi tal-hajt li ghandu jissepara l-proprjeta` tal-atturi minn dik tas-socjeta` konvenuta ghandu jkun ta' zewg metri u erbghin centimetru liema gholi ma jiggustifkax is-socjeta` li tghid li hajt divizorju huwa taghha. Tirrizulta ghalhekk invazjoni ta' pulzier u nofs it-tul kollu ta' dan il-hajt bejn il-punti msemmija fil-pjanta annessa.

c) Dawr il-hajt bejn il-punt FD2 u VC ma hemm xejn xi tghid hlief li ma jistax jinghad li kien hemm invazjoni tal-proprjeta` tal-atturi billi l-hajt li nbena mis-socjeta` konvenuta nbena fil-proprjeta` taghha l-gewwa mill-hajt tas-sejjiegh.

d) Il-parti tal-hajt sal-punt FD jirrizulta li nbniet fuq il-hajt tas-sejjiegh wara li nghata l-konkrit fuq l-istess hajt tas-sejjiegh. Dwar dan ghalhekk ma jistax ikun hemm kwistjoni ta' invazjoni.

Tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici kellha tintlaqa' biss fir-rigward ta' dik il-parti tal-hajt bejn il-Punt FD1 u l-Punt FD2, dejjem kif indikati fil-pjanta annessa mad-dokument VC010704A.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka l-paragrafu tlieta (3) tal-parti dispositiva tas-sentenza appellata u minflok tordna li s-socjeta` konvenuta twaqqa l-hajt singlu kostruwit bejn il-punti FD1 u FD2 kif indikati fil-pjanta fuq imsemmija Dok VC010704A u terga' tikkostruwixxi l-istess hajt singlu fuq il-linja medjana bejn il-proprjeta` taghha u dik tal-atturi fi zmien 120 jum mil-lum billi thalli ghaxar pulzieri u nofs minn wicc dan il-hajt hekk rikostruwit ghal wicc il-hajt dobblu fuq in-naha tal-atturi, liema xoghlijiet ghandhom isir taht id-direzzjoni tal-AIC Noel Debattista a spejjes tas-socjeta` konvenuta. Ghall-bqija tikkonferma s-sentenza appellata b'dan pero` li kull fejn jissemma' l-kompjant Perit Frederick Doublet dan qed jigi sostitwit bl-imsemmi A.I.C Noel Debattista. Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha, kemm dawk ta' din l-istanza kif ukoll tal-ewwel istanza ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-tlett kwarti mis-socjeta` konvenuta appellanti u kwart mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------